**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Fl-atti tal-Inkartament tal-**
**Ghajnuna Legali Nru 115/2024**

**Masimo Caruso**

**vs.**

**L-Avukat Generali**

Provvediment kamerali.

Illum, 18 ta' Marzu, 2025

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tal-Avukat Leontine Calleja u tal-Agenzija tal-Ghajnuna Legali Malta tal-20 ta' Frar, 2025 li bih talbu li titnehha n-nomina tal-Avukat Dottoressa Leontine Calleja bhala avukat ghall-ghajnuna legali u li jitnehha l-beneficcju ghall-ghajnuna legali ghar-ragunijiet msemmija fir-rikors;

Rat id-digriet taghha tal-21 ta' Frar, 2025 li bih appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghall-udjenza tas-6 ta' Marzu, 2025 fl-10.30am;

Rat illi fl-udjenza tas-6 ta' Marzu, ma sar xejn stante illi l-kawza ma tqieghdix fil-lista ta' kawzi tas-smiegh;

Semghet lill-partijiet fl-udjenza tat-13 ta' Marzu, 2025;

Ikkunsidrat:

1. Illi mill-atti jirrizulta li dan huwa rikors minn sensiela ta' rikorsi li fih intalab li titnehha n-nomina ta' avukat tal-Ghajnuna Legali bid-differenza illi fir-rikors ta' qabel dan deciz per Onor Imhallef Dr. Henri Mizzi 9.12.2024 t-talba kienet sabiex ikun terminat il-beneficcju ghall-Ghajnuna Legali u l-Qorti rrevokat l-inkarigu tal-avukat in kwistjoni. F'dan ir-rikors, it-talba hija sia ghar-revoka tal-inkarigu kif ukoll tal-beneficcju li ghalih hu intitolat Massimo Caruso;

2. Illi mill-atti u minn dak li spjegaw il-partijiet waqt is-smiegh, jemergi illi Massimo Caruso huwa intitolat ghall-beneficcju tal-Ghajuna Legali[1] u ghalhekk kien assenjat lilu Avukat skond it-turn u dan sabiex l-istess Massimo Caruso iressaq kawza ta' natura kostituzzjonali wara li, in segwitu ta' ammissjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) inghata sentenza ta' prigunerija. Minn dak li semghet il-Qorti, Massimo Caruso ma ghandu l-ebda ripensament dwar l-ammissjoni izda ried jappella l-*quantum* tal-piena. L-Avukat

[1] Digriet tal-Qorti Civili PA 13.8.2024 per Onor Imhallef Anthony Ellul wara rikors tat-12 t'Awissu, 2024 sabiex ikun assistit ghall-intavolar ta' kawza kostituzzjonali in segwitu ta' sentenza deciza mill-Qorti tal-Magistrati fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Massimo Caruso 19.5.2024

li kien qed jassistih f'dik il-kawza talab is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza bil-firma tal-istess Caruso, izda appell qatt ma sar u dwar dan hemm zewg verzjonijiet. Ir-rikorrenti jghidu illi Massimo Caruso qatt ma avvicinhom fit-terminu tat-12-il jum li fih kellu jsir l-appell fil-waqt illi Caruso jghid illi ma kellux access ghall-avukat tieghu, hadd ma segwa l-kaz tighu u ghamel xi zmien ukoll l-Isptar Monte Carmeli wara li kien taht l-effetti tad-droga;

3. Illi r-rikorrenti itennu illi wara li ezaminaw il-kaz ta' Massimo Caruso huma tal-fehma opinjoni li ma ghandu ebda bazi fuqiex iressaq lanjanzi ta' natura kostituzzjonali. L-istess gara fil-kaz tal-avukat precedenti wara li ghamel rassenja tar-ragunijiet ghaliex fil-fehma tieghu ma ghandux raguni jitlob li titressaq tali kawza[2];

4. Illi mill-mistoqsijet li ghamlet il-Qorti lill-Massimo Caruso, jidher li ghandu aspettativi kemmxejn konfuzi fil-kawza prospettiva tieghu b'dan illi jidher li irid ukoll li fil-kwistjoni kollha tkun inkluza l-istess Agenzija ghall-Ghajnuna Legali. Dan, naturalment igib mieghu konflitt ta' interess konsistenti bejn l-Agenzija u l-Avukat li jaghmel minnha f'potenzjali kawza kontra l-istess Agenzija;

5. Illi b'hekk il-Qorti tinsab f'qaghda fejn fuq naha qed tistrieh fuq il-parir tal-Avukat tal-Ghajnuna Legali fis-sens li ma hemmx bazi ta' kawza kostituzzjonali u fuq naha ohra trid tikkawtela d-drittijiet tal-persuna billi taghmel zgur li jkun saret gustizzja f'decizjoni fejn dik il-persuna ma tinghatax l-opportunita' li tibda tali kawzi b'mod

[2] Nota a fol 9

oggettiv. Dan ma ghandux b'xi mod jiftiehem li l-parir tal-avukati tal-Agenzija mhux wiehed oggettiv, izda l-Qorti trid tara li jkun rispettat d-dritt tal-access ghall-gustizzja;

Ghal dawn ir-ragunijiet tiddisponi minn dan ir-rikors billi filwaqt illi tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti, tichad it-tieni talba b'dan illi qed takkorda lill-Massimo Caruso li jinkariga avukat ta' fiducja tieghu sabiex jirraprezentah f'eventwali kawza ta' natura kostituzzjonali u dan a spejjez tal-Agenzija ghall-Ghajnuna Legali skond it-tariffi kif provduti fil-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghal kull buon fini qed ikun iccarat illi l-istess Massimo Caruso ghandu jibbenefika minn dan id-dritt billi jottjeni s-servizz ta' avukat wiehed u ghall-okkazzjoni wahda b'dan illi dan id-dritt ma ghandux b'xi mod jiftiehem li Massimo Caruso ghandu il-jedd li jikkonsulta u jottjeni is-servizzi ta' avukat successivi f'kaz li jinghata l-parir li ma ghandux raguni iressaq kawza ta' natura kostituzzjonali;

Tordna notifika ta' dan id-digriet lill-Massimo Caruso.

Onor. Dr. Giovanni M Grixti

Imħallef

Nicole Cini

Deputat Reġistratur